# Ħondoq ir-Rummien u l-Belveder tal-Qala



*minn Nicolette Camilleri*

Jekk mill-knisja tal-kunċizzjoni tibqa' nieżel 'l isfel issib il-bajja ta' Ħondoq Ir-Rummien.

Hawn tara veduta sabiħa l-fliegu bejn Għawdex u Kemmuna, d-daħla bejn Kemmuna u Kemmunett bl-ilwien tagħha kollha, u iżjed lil hemm ir-raħal tal-Mellieħa.

Ħondoq hu qala żgħira li fiha jisbokka l-ilma tal-wied li jiġi minn ħdejn il-Bir tal-Marġa. Fiha ħafna tfal jitgħallmu jgħumu. Hekk kif tagħlaq l-iskola aħna t-tfal insibu l-ors



tagħna hawn isfel. Ferħanin se ntiru hawn ngħumu, ngħoddsu, naqbżu, nċafċfu u nagħtu l-majnati.

Nisma' lil ħafna jgħidu li ma fadalx ħafna xebħ bejn Ħondoq ta'dari u dak tal-lum. Igħidu li dari kont tara xi sitt patruni jsorġu l-kajjik jew id-dgħajsa tagħhom ġewwa Ħondoq li kienu jkomplu jżidu l-ilwien tad-daħla. Illum hekk kif ix-xemx tistaħba wara l-għoljiet xi żgħażagħ arahom jagħmlu barbikjus u jaqbżu fil-baħar għad-dawl tal-qamar.

F'din il-bajja qrib l-1969 kien beda l-impjant tad-desalinazzjoni. Dan jista' jforni lil Għawdex b'madwar nofs miljun gallun ilma kuljum.

Fl-imgħoddi Ħondoq kien sar ċentru ta' ħidma kbira. Biex sar il-'breakwater' tal-Port il-Kbir ta' Malta ż-żonqor inqata' mill-barrieri ta' Ħondoq, għaliex huwa l-aqwa żonqor li hawn fil-gżira tagħna. Il-Knisja tal-Blat li nbniet fuq Ħondoq hija mill-ġebel tal-barrieri. Insibu li l-'fire places' ta' fuq it-translatlantiku kbir 'Queen Mary' kienu maħdumin minn din il-ġebla. Mill-istess ġebla nħadmu l-monumenti tal-gwerra ta' Malta u Għawdex. Minnha saru l-kolonni tal-knisja l-ġdida ta' Birżebbuġa u l-monument tal-Kunċizzjoni fil-pjazza tal-Qala. Qabel u wara l-1936, inqatgħu blokki kbar ta' ġebel mill-barrieri ta' Ħondoq, għall bini tal-Kattidral ta' Liverpool. Inqatgħu wkoll kwantitajiet kbar minn din il-ġebla għall-bini tal-breakwater tal-Imġarr Għawdex.

Ħondoq Ir-Rummien huwa marbut ma' qalb il-Qalin kollha wkoll ma'l-emigranti Qalin kollha li jfakkarhom f'memorji sbieħ tat-tfulija.

---

Wieħed mill-postijiet sbieħ fuq ix-xifer tal-Wardija huwa l-Bejt tal-Għar, li huwa bejt ta' għar veru u wieħed jista' joqgħod fuqu bil-kumdità. Illum din in-naħa jsibuh bħala l-Belveder għax tassew hawn dehra ħelwa x'wieħed igawdi!

Il-veduta tinfirex fuq il-baħar kollu bejn Kemmuna u Chambrai, barra milli tara sewwa ż-żewġ Kmiemen. Ħafna turisti li jżuru lill-gżira tagħna jagħmlu l-aħħar waqfa tagħhom hawn hekk, fejn jitpaxxew bl-arja safja u l-veduta sabiħa ta' dawn l-inħawi. Minn fuq il-Belveder hemm triq li tibqa' tieħu sal-Imġarr.

Minn hawn fuq tara tajjeb lill-Vapuri ta' Għawdex jaqsmu bejn Malta u Għawdex, kif ukoll id-dgħajjes tas-sajjieda ħerġin għas-Sajd jew deħlin bil-qabda. Taħtek iġġib firxa tapiti ta' egħlieqi maħdumin minn bdiewa beżlin li jbakkru u jdallmu fir-roqgħa ħamrija tagħhom. Issa fuq naħa waħda tal-Belveder tala' bini ġdid mibni b'sengħa kbira bil-ġebla Għawdxija tal-franka.

Ħafna nies l-aktar mill-Qala jitlajjaw hawn fuq f'iljieli sajfin, jitpaxxew bi ġmiel in-natura tongħos fil-ħemda tal-lejl, waqt li l-qamar igħasses u jħares kurjuż minn fuq. Is-skiet ta' madwar jinkiser biss b'xi nebħa ta' kelb, jew tisfira ta' grillu.

Daż-żmien wara l-ħin tax-xogħol xi rġiel jhedew jilgħabu l-logħob tal-boċċi fix-"Xerri's Boċċi Club." Oħrajn jippreferu jistrieħu bil-qegħda fuq il-bankijiet għall-frisk, 'l bogħod mid-dħaħen u mill-għagħa tan-nies.

It-triq li tieħu għall-Belveder tiżżejjen b'pavaljuni sbieħ u bi dwal f'nhar il-festa tal-Qaddis Patrun tar-raħal San Ġużepp għax il-barranin li jiġu għall-festa ma jonqsux li dak inhar jaslu wasla sa fuq il-Belveder.